

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Għajnuna Legali](#) > [Austria](#)

Għajnuna legali

Awstrija



Awstrija

[Il-Leġiżlazzjoni Nazzjonali](#)  (192 Kb) 

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

L-Artikolu 14(2), l-ewwel inċiż – Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti riċevanti jew trażmittenti

L-awtorità responsabbli għat-trażmissjoni ta' talbiet għal għajnuna legali rigward proċedimenti fi Stat Membru ieħor hija l-qorti distrettwali Awstrijaka li fit-territorju tagħha jkun residenti min jagħmel it-talba. Jekk min jagħmel it-talba jkollu rappreżentant legali, il-qorti distrettwali li fit-territorju tagħha jkun residenti r-rappreżentant legali tkun kompetenti wkoll.

L-aġenzija riċevanti għal talba għal għajnuna legali trażmessa minn Stat Membru ieħor hija l-qorti Awstrijaka li l-proċedimenti li t-talba tirreferi għalihom huma jew kienu pendenti quddiemha fil-prim'istanza. Jekk il-proċedimenti jkunu għadhom mhumiex pendenti fl-Awstrija, l-aġenzija riċevanti tkun il-qorti distrettwali li l-intimat ikun domiċiljat jew ikollu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju tagħha, jew il-Qorti Distrettwali tal-Belt Interna ta' Vjenna (Bezirksgericht Innere Stadt Wien).

L-Artikolu 14(2), it-tielet inċiż – Metodi disponibbli biex jiġu rċevuti l-applikazzjonijiet

Il-mezzi ta' komunikazzjoni li għandhom dawn l-awtoritajiet biex jilqgħu it-talbiet:

Posta u Fax.

L-Artikolu 14(2), ir-rabà inċiż – Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-applikazzjoni

Il-lingwi li bihom tista' timtela l-formula:

Bil-Ġermaniż jew bl-Ingliż.

 L-aħħar aġġornament: 17/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilita jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.